Isla
Città Invicta

Kunsill Lokali l-Isla

# RAPPORT AMMINISTRATTIV U TA' ĦIDMA

JANNAR – DICEMBRU 2014

Is-Seba' Legislatura Jannar – Dicembru 2014

## Amministrazzjoni:

### Servizz b'aktar efficjenza

Komplejna nahdmu biex din tkun aktar effettiva u efficjenti ghall-servizz ahjar mic-cittadin. Fejn jidhlu lmenti li jippartjenu entitajiet u awtoritajiet ohra il-Kunsill jibqa jishaq u jiffolowja sakemm dawn jigu solvuti. Matul ix-xhur tas-Sajf rajna kif nistghu nibbenefikaw mill-Internships fejn zewg studenti Ungerizi u Litwani qattaw tlett xhur jghinu fil-qasam amministrattiv. F'Dicembru l-Kunsill hatar ingagga s-servizz ta' Works Office sabiex ikun responsabbli minn spezzjonijiet fuq xoghol imwettaq fil-lokalita' minn numru ta' kuntratturi (Dan sabiex ikollna l-ahjar servizz hekk kif mitlub mill-kuntratt) kif ukoll fuq xogholijiet li jsiru fil-lokal mill-haddiema tal-IPSL u ETC Dan sabiex ikollna l-ahjar servizz hekk kif mitlub mill-kuntratt.

### Korsijiet tal-Kompjuters

Matul ix-Xhur tas-Sajf il-Kunsill flimkien ma' TCTC u S-Segretarjat ghall-Gvern Lokali organizza numru ta' korsijiet tal-Kompjuters ghat-tfal taht il-programm Ikids. Ghall-darba ohra sar ftehim bejn il-Kunsilli tat-tlett ibliet biex isiru dawn il-korsijiet flimkien. Ic-Ċentru ta' Taħriġ u Tgħalim tal-Kompjuters fis-Sala tal-Kunsill kompla jservi wkoll għal riċerka fuq l-internet għall-beneificċju tal-komunita'.

### Korsijiet ohra

Inbarkajna fuq progett ta' numru ta' korsijiet b'temi diversi ghall-beneficcju tar-residenti

### Website, Facebook Page u Twitter tal-Kunsill

Il-website tal-kunsill qed niehdu hsieb li nzommuha updated b'informazzjoni utli ghar-residenti u ghal kull min ghandu interess fil-lokalita taghna. Qed naghmlu uzu minn facebook u minn twitter biex inzommu lil min hu interessat fil-lokalita, aggornat b'dak li jkun ghaddej.

### Laqghat ma' Ministri u Segretarji Parlamentari

Inzammu numru ta' laqghat mal-Ministri u Segretarji Parlamentari f'diversi oqsma fejn gew prezentati diversi raporti dwar il-bzonnijiet fil-lokal.

Saru laqghat mall-MEUSAC biex inkomplu ninbarkaw fuq numru ta' progetti b'fondi ewropej ghall-beneficcju tal-kommunita.

Sub Post Office

Wara diversi laqghat mal-Maltapost gie konkluz ftehim sabiex ms-sena 2015 titwaqqaf sub-post office fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill. Ir-residenti ser ikunu qed jibbenfikaw minn servizz kontinwu ta' posta u hlas ta' diversi kontijiet mill-lokalita' stess.

Ghaqdiet Lokali

Il-Kunsill kompla bil-hidma id f'id mal-Ghaqdiet tal-Lokalita' biex jitkompla jitwettaq xoghol siewi mill-ghaqdiet fil-lokalita'. Hdimna wkoll sabiex l-Ghaqdiet Lokali jkomplu jorganizzaw attivitajiet ghar-residenti tal-lokal.

## Edukazzjoni

Laqghat mal-Iskola Primarja

Matul is-sena skolastika inżammu diversi laqgħat mal-Kap ta' l-iSkola fejn rajna kif nistgħu naħdmu flimkien fil-qasam edukattiv u sportiv. Inzammu diskussjonijiet dwar uzu ahjar u upgrade tal-playing field Taghna t-Tfal hdejn l-Iskola, sabiex din tkun uzata mit-tfal tal-iskola waqt il-hin tal-iskola. Qed isiru preparamenti sabiex napplikaw ghall-fondi ewropej relatati mal-edukazzjoni kemm ghall-beneficcju tal-ghalliema u kemm ghall-istudenti.

Waqt l-attivitajiet ta' Jum l-Isla saret mawra mal-lokal ghall-istudenti fejn zaru diversi siti storici. Wara l-istudenti pprezentaw lill-Kunsill xogholijiet li jaghmlu relatati mal-ambjent u l-istorja fl-Isla.

Librerija Pubblika u Story Telling

Il-Librara hadmet sabiex tippromovi aktar is-servizzi offruti mill-Librerija Pubblika fejn anke hadmet mal-Iskola Primarja. Saru diversi attivitajiet fil-Librerija relatati ma' Story Telling. Sar investiment fejn inxtraw numru ta' kotba godda.

Esebizzjoni Kullegg Santa Margerita

Matul l-open week fil-Kullegg Santa Margerita jtelghet wirja fuq it-Tlett Ibliet fejn il-Kunsill esebixxa xogholijiet marbuta ma' din il-Belt Marittima.

Kottonera Day

B'kollaborazzjoni bejn it-tlett Kunsilli tal-Isla, Birgu u Bormla u dak tal-Kalkara nzammu numru ta' attivitajiet fl-ibliet tal-kottonera u l-Kalkara bl-inizjattiva tal-Kullegg Santa Margerita.

## Persuni b'Dizabilita

Komplejna nahdmu qrib u involvejna l-Grupp Gwardjola (ghaqda Sengleana li thares l-persuni b'dizabilita), f'hidma biex niffacilitaw il-hajja tal-persuni b'dizabilita gewwa l-Lokal taghna. Ikkonsultajna ma raprezentanti taghhom fi progetti kapitali, fi skema tax-xoghol u anki ressaqnihom lejn aktar entitajiet biex jghinuhom jimxu aktar il-quddiem fil-hidma taghhom.

Zammejna laqghat mal-KNPD u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-persuni b'dizabilita', sabiex dan ic-centru jinfettah ghall-uzu ta' persuni b'dizabilita' fejn jkun imexxi minn persuni kompetenti mibghuta mill-Gvern Centrali. Finalment din il-holma saret realta u dan ic-centru gie inawgurat u qed jaghti s-servizz tieghu ta' kuljum.

## Centru tal-Kommunita'

Wara talba minn numru ta' residenti li jahdmu diversi krafts, offrejna s-sala tal-kunsill sabiex dawn kull gimgha jiltaqghu, jippratikaw u jaghlmu dawn it-talenti.

## Progetti Kapitali

Speed limit signs
Mirrors
Dog litter bins
Rubber Speed Moderators
Road Humps fix-Xatt u Triq iz-Zewg Mini u Triq il-Migja tal-Papa
Railings
Spralli
Signage
Bollards

Is-sezzjoni responsabbli mill-manutenzzjoni tal-funtani fil-garaxx tal-Gvern hadet hsieb li tinzamm manutenzzjoni fuq bazi regolari fil-funtana li hemm fi Gnien il-Gardjola.

Tlesta xoghol ta' Pavimentar mill-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura fi Triq San Pietru u San Pawl.

Restawr Statwi San Pietru u San Pawl

Sar numru ta' xoghol ta' Manutenzzjoni fil-lokal fosthom tibjid ta' railing, tibjid u tikhil ta' hitan, patching, road marakings, kaptelli fost l-ohrajn.

Bl-ghajnuna finanzjarja tas-Segretarju Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali Jose Herrera u l-Ministru ghall-Infrastruttura Joe Mizzi sar Monument tal-Baharra gewwa x-Xatt

Wara ricerka fuq Idjomi relatati mal-bahhara, twahhlu mal-bankijiet tul ix-Xatt numru ta' idjomi li kienu jghidu l-bahhara fiz-zmien. Dan saru bil-Malti u bl-Ingliz.

Sabiex jitfakkar il-Gemellagg li l-Isla ghandha ma' Fara San Martino sar Mural li jirraprezenta lill-MC Escher fi Triq Dingli Cornelio

CCTV Cameras – il-Kunsill haseb li jibdew jitwahhlu numru ta' CCTV Cameras fil-Lokal u beda bl-ewwel fazi fil-Ponta tal-Isla, b'installazzjoni ta' zewg cameras.

Playing Field "Taghna t-Tfal" Triq il-Habs l-Antik – beda x-xoghol mill-Ministeru tal-Infrastruttura u issa jmiss lill-FTS sabiex tinstalla *safety rubber carpet u playing equipment.*

## Progetti Kapitali Ippjanati

Ir-restawr tas-swar tal-isla kif ukoll ix-xoghol mehtieg fuq il-monument tal-Gwerra u z-Zuntier tal-Knisja.

Fil-xhur li gejjin ser jibda x-xoghol tal-Letrina Pubblika fi Gnien il-Gardjola u Paneli Fotovoltaici fi Gnien il-Gardjola.

Xoghol ta' Major Patching madwar il-Lokalita'.

Qed nahdmu biex nesploraw il-potenzjal li joffru x-xelters fl-Isla.

Restawr Arlogg Fort St Michael

Car Park Macina

Embellishement Misrah 4 ta' Settembru

Heritage Trail

Jitwaqqa l-Hajt f'Boiler Wharf li jaghti fuq il-*cruise liner terminal.*

## Rigenerazzjoni fil-Lokal

### Progett ta' Tisbih fix-Xatt tal-Isla

Il-Kunsill kompla ghaddej b'diskussjonijiet kontinwu mal-GHRC waqt li ken ghaddej ix-xoghol biex niehdu l-ahjar progett possibli.

Saru diskussjonijiet fuq dawl ahjar matul il-promenade u fl-area tal-ponta u r-regatta klabb.

Saru slepping policeman u tibdil fit- Traffic Management ahjar rigward il-One Way fix-Xatt.

## Ambjent

### Ġbir ta' Skart Imħallat u Riċiklat

Biex inkomplu nsaħħu ż-żamma tal-ambjent u nilqgħu l-isfidi f'dan il-qasam, il-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu fuq ġbir ta' skart riċiklat mill-att domestiku u kummerċjali.
Fejn jidhol skart domestiku l-Kunsill ha diversi mizuri u kkomunika dirett mar-resident dwar dan. Flimkien mal-Kumitat tar-Regjun Xlokk qed nahdmu fuq is-servizz ta' *Environmental Wardens* sabiex inħarsu l-ambjent ta' madwarna. Minn rapporti li ghandna dan is-servizz hu wiehed effettiv li qed ihalli r-rizultati u qed jippenalizza li dawk li jinqabdu jiksru l-ligi.

### Bulky Refuse

Dan s-servizz jinghata b'xejn darbtejn fil-gimgha u nistghu nghidu li minn sena ghall-ohra qed naraw aktar uzu minn dan is-servizz.

### *Litter Bins*

Gew installti numru ta' litter bins fil-lokalita'

## Xogħol ta' Manutenzjoni:

### Ħaddiema IPSL u CWS (*Community Work Scheme*)

Inzammu xogholijiet ta' manutenzzjoni fuq bazi regolari. Inżebgħu ukoll *railings* tat-toroq u l-ħadid li nsibu fit-toroq bit-taraġ. Sar xogħol fuq tindif ta' *culverts*, tindif ta' Forti San Mikiel, tikhil ta' turgien, tikhil u tibjid f'diversi zoni, sinjali tat-traffiku, bdil ta' kaptelli u manutenzjoni fit-toroq u bankini kif meħtieġ. Dawn il-ħaddiema flimkien ma' oħrajn assjenati mill-IPSL kienu utli ghx-xoghol mehtieg fil-lokalita'

Il-Kunsill ukoll ibbenefika minn numru ta' skemi tal-ETC fejn persuni li qed jirregistraw kienu qed jahmdu maghna ghal perjodu definitt. Bis-sahha ta' dawn l-iskema tajna l-opportunita' lill-persuni Sengleani japplikaw ghal dawn l-iskema u jahdmu fost il-kommunita'.

### Road Markings

Il-Ħaddiema taħt l-iskema CWS u dawk ta' l-IPSL wettqgħu x-xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sinjali tat-traffiku madwar l-Isla kollha. Bl-użu ta' riżorsi ta' dawn il-ħaddiema l-Kunsill iffranka ammont konsidervoli ta' flus f'dan ir-rigward.

### Patching

Il-Ħaddiema taħt l-iskema CWS u dawk ta' l-IPSL wettqgħu numru ta' xogħol ta' Road Patching.. Bl-użu ta' riżorsi ta' dawn il-ħaddiema l-Kunsill iffranka ammont konsidervoli ta' flus f'dan ir-rigward.

*Street Lighting*

Matul is-sena nżamm numru ta' manutenzzjoni fuq id-dawl tat-Toroq fil-Lokalita'. Hadna hsieb biex hsarat fid-dawl jigu rrangati mill-aktar fies possibli. Gieli jkollna xi hsarat minn naha tal-Enemalta, meta jkollna dan it-tip ta' hsarat il-kunsill dejjem ha hsieb li jinfurhhom immedjatament.
Inbidlet is-sistema ta' wiring u bozzoz fi Gnien il-Gardjola u trangaw il-fanali u l-hgieg.

Żamma u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u *Soft Areas*

Taħt ir-responsabilita' tal-kumpanija Environmental Landscapes Consortium Ltd tkompla ix-xogħol ta' żamma u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u *soft areas* flimkien ma' żbir ta' siġar. Zrajna wkoll numru ta' pjanti u fjuri fejn possibli biex inzidu d-dehra sabieha fil-lokalita.

*Signage*

Sar programm sabiex jigu rrangati, mibdulin numru ta' Street Signage. Ma' dawn twahhlu numru ta' Signs godda u mirja. Dan il-programm inzamm biex niffacilitaw il-hajja tar-residenti u sewwieqa u jnaqsu l-perikli.

## Trasport Pubbliku

Arriva – Trasport Malta

Il-Kunsill baqa' f'kuntatt dirett mal-Arriva u Transport Malta sabiex iressaq talbiet u suggerimenti ghal servizz ahjar.

Ferry Service

Dan is-servizz qed jaghti l-frott u qed nistennew li fil-futur qarib l-operatur jintroduci Ferry akbar li jiehu aktar passigieri.
Il-Kunsill baqa' ghaddej kontinwament b'diskussjonijiet mal-operatur sabiex dan is-servizz ikompli jitjieb u nzammu diskussjonijiet dwar berthing aktar lejn ic-centru tax-Xatt biex jintlahhaq ahjar min-nies.

## Attivitajiet:

**Jum l-Isla**

Għal Jum l-Isla nżammu numru ta' attivitajiet –

**Attivitajiet Kulturali u Oħrajn**

Karnival

Weekend Breaks

Hargiet Kulturali

Harga Familja

Attivita' Anzjani fil-Milied

Summer Camp

Attivitajiet fi Gnien il-Gardjola minn diversi Ghaqdiet fl-Isla

Kuncert Muzikali mill-Banda La Vincitrice

## Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

**Revival of Old Towns and Cities – Network of Twinned Partners Settembru 2013 sa' Jannar 2015**

**Maritime Senglea International Festival 2014**

## Is-6 edizzjoni tal-Festival Internazzjonali Senglea Marittima

## Il-Qawmien mill-Ġdid ta' Bliet Antiki

Il-Kunsill Lokali tal-Isla qed jippreżenta s-sitt edizzjoni tal-*Maritime Senglea international Festival*, li se ssir bejn il-Ħamis, 11, u l-Ħadd, 14 ta' Settembru 2014, se tkun marbuta mal-proġett *The Revival of Old Towns and Cities*. Dan il-proġett, mifrux fuq sena, u li wasal fi tmiemu, ġie finanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Programm Ewropa għaċ-Ċittadini, kif ukoll mill-Gvern Malti.

It-tliet sħab l-oħra f'dan il-proġett internazzjonali, Zarasai mil-Litwanja, Daugavpils mil-Latvja, u Fara San Martino mill-Italja, se jkunu preżenti f'Malta għall-konferenza tal-għeluq, li se tinżamm bejn il-11 u l-14 ta' Settembru. Waqt din il-konferenza aħħarija se jkun finalizzat id-dokument finali. Kemm Zarasai kif ukoll Daugavpils żammew konferenzi f'Mejju li għadda biex komplew ix-xogħol mibdi f'Malta sena ilu, waqt li Fara San Martino żamm il-konferenza ta' tkomplija tiegħu ix-xahar li għadda. Kull konferenza kellha tema differenti relatata mal-qawmien mill-ġdid ta' bliet antiki. Filfatt il-konferenza li saret ġewwa l-Isla iddiskutiet l-infrastruttura fiżika; f'Zarasai ġew diskussi l-*Performing Arts*; f'Daugavpils kienet diskussa t-tema tar-riimmaġinazzjoni tal-belt; waqt li f'Fara San Martino l-konferenza ffokat fuq iċ-ċittadinanza attiva.

Kull belt tellgħet ukoll festival li mexa parallel mal-konferenza miżmuma; is-sitt edizzjoni tal-*Maritime Senglea International Festival,* li se tinżamm din is-sena fl-Isla; Festival Internazzjonali ta' Folk u Arti f'Zarasai; il-Festival ta' Daugavpils; u l-*Gole e Sapore* f'Fara San Martino.

Il-waqt storiku li jgħaqqad lil dawn l-erba' bliet imsieħba fil-proġett *The Revival of Old Towns and Cities* huwa t-Tieni Gwerra Dinjija, li affettwat mhux ftit il-mod ta' ħajja kulturali tagħhom, l-aktar minħabba t-tiġrif kaġun il-bombardamenti qawwija li sofrew, il-ħidma biex jiġu preservati teżori f'dawn il-lokalitajiet, u ċ-ċaqlieq tal-popolazzjoni tagħhom. Filfatt il-popolazzjoni fihom naqset drastikament, u dan jidher l-aktar ġewwa l-Isla.

Is-Sindku tal-Isla, Justin John Camilleri, qal li għat-tieni sena konsekuttiva, il-festival se jkun marbut mill-qrib mal-proġett *The Revival of Old Towns and Cities. Huwa qal:* "Organizzajna dawn il-proġetti, b'kollaborazzjoni sħiħa mal-għaqdiet lokali u r-residenti, sabiex inkomplu ngħollu l-isem tal-belt Sengleana kemm lokalment kif ukoll madwar il-mappa Ewropea. B'hekk se inkunu qed insaħħu s-settur storiku, turistiku u ekonomiku tal-Isla sabiex nagħtu lil din il-belt u lis-Sengleani il-ġieħ li jixraqilhom.

Sejrin nerġgħu nilqgħu fostna madwar 100 delegat għall-konferenza tal-għeluq tal-proġett, u ninsabu kburin li tajna kontribuzzjoni valida ħafna."

Skond Joe Scerri, Direttur tal-Festival u tal-Proġett: "Il-*Maritime Senglea International Festival,* hu dwar ir-rabta tal-belt mal-baħar, daqskemm hu dwar il-ġrajja rikka tagħha. Kif rajna wkoll permezz tal-proġett, in-nies tal-Isla tul l-istorja spikkaw u ġibdu l-attenzjoni, u dan il-wirt għadu għaddej sallum." Is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, Stefan Buontempo, attenda għat-tnedija.

Il-qofol tal-edizzjoni ta' din is-sena tal-*Maritime Senglea International Festival* se jkun kunċert kbir tal-għeluq, li fih se jagħtu s-sehem tagħhom il-grupp Malti Winter Moods, b'kunċert ta' tribut għal Steve Caruana Smith (SERP); l-ensemble kontemporanja vokali u strumentali Vārpa minn Daugavpils fil-Latvja, li se jwasslu

mużika pop, moderna, u mużika minn pajjiżhom; u r-*rock band* Atika minn Zarasai fil-Litwanja. Dan il-kunċert se jinżamm is-Sibt, 13 ta' Settembru, mit-8.00p.m. 'il quddiem fix-Xatt tal-Isla qrib il-monument ta' Juan B. Azopardo.

Il-ftuħ uffiċjali tal-Festival se jsir il-Ġimgħa, 12 ta' Settembru fid-9,15 p.m. meta ssir l-inawgurazzjoni tal-Mafkar lill-Baħħara Sengleani, xogħol l-iskultriċi Cari Privitera, kif ukoll tal-Bankijiet Idjomi Marittimi tul ix-Xatt tal-Isla.

Mis-6 p.m. 'il quddiem, fil-jiem tal-Ġimgħa u s-Sibt, 12 u 13 ta' Settembru, tul ix-Xatt Juan B. Azopardo, se jkunu qed jittellgħu numru ta' esibizzjonijiet u fiera. L-Għaqda Sajjieda Dilettanti Barklori, qed jorganizzaw fis-sede tagħhom wirja ta' Mudelli ta' Dgħajjes, waqt li Toni Baldacchino se jtellgħa wirja qrib dak li kien il-Waterfront Restaurant, bl-isem ta' *Namur għall-Baħar*. Lewis Zammit se jkun qed ipitter murali bit-tema 'MC Escher – Il-konnessjoni bejn l-Isla u Fara San Martino' qrib Dar Sant' Anna. Se tinżamm ukoll il-Wirja Maltija ta' Snajja' u Artiġjanat bil-parteċipazzjoni ta' artiġjani lokali. Ikun hemm ukoll dewqan ta' ikel, attivitajiet tat-tfal, u aktar.

Il-Ġimgħa wkoll, l-i*Msida Sea Scouts and Band,* se jagħmlu parata fid-8.45 p.m., waqt li s-sestett KażinSka se joffru daqq ta' marċijiet tradizzjonali Maltin, fejn jgħaqqdu t-tradizzjonali mal-alternattiv.

Is-Sibt, 13 ta' Settembru, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, se jkunu qed jittellgħu xejn anqas minn sitt wirjiet differenti bit-tema *Exhibition Steps.* Wirja b'tema storika bl-isem ta' *Cranes* se tkun qed tittellgħa fi Triq il-Maċina mis-Senglea Historical Society. Kevin Attard u l-ħbieb se jagħtu dimostrazzjoni ta' xogħol u taħriġ fil-filugranu fi Triq San Lawrenz. Fi Triq San Pietru u San Pawl, Ray Domenic Agius se jesibixxi pitturi dwar il-Konvoj ta' Santa Marija, waqt li Marica Boxman se tesibixxi *Marine Floral Art* fi Triq Sant' Anna. Diversi artisti oħra minn erba' pajjiżi se jesibixxu fi Triq Marina, bċejjeċ uniċi u distintivi ta' fidda u perli, bit-tema *I Gioelli di Nina.*

B'żieda fl-attrazzjonijiet tal-festival se jkunu offruti numru ta' esperjenzi alternattivi, li dejjem ikunu mis-6.00 p.m. 'il quddiem. Numru ta' artisti se jpittru *en plein air* tul ix-Xatt mill-Maċina sa Triq San Lawrenz. Artisti oħra ġejjin minn l-Isla stess se jwasslu t-talent Senglean permezz ta' arti, snajja' u passatempi, qrib il-Maċina.

L-erba' msieħba fil-proġett tal-UE *The Revival of Old Towns and Cities* se jkollhom *stands* li jagħtu tagħrif dwar dak li seħħ permezz tal-proġett; Aġenzija Sapport u Grupp Gwardjola se jkollhom spazju interattiv; Charles Bonnici u Martin Bezzina Wettinger se jesibixxu u jaħdmu skulturi fil-ġebla Maltija u fl-injam; il-Malta Hospice Movement se jkunu jilqgħu donazzjonijiet t'għajnuna; u fid-9.00 p.m. l-iMsida Ġostra se jorganizzaw il-kompetizzjoni tal-ġostra tradizzjonali faċċata tal-monument ta' Juan B. Azopardo.

Se jkun hemm ukoll wirjiet oħra li jimxu tul ix-Xatt tal-Isla: il-grupp ta' daqqaqa tat-tnabar, Tama Tnabar, fis-6.00 p.m.; il-Kavallieri fuq il-baħar fis-6.30 p.m.; u parata

grotteska ta' maskeruni tal-karnival akkumpanjata mill-Big Friends Guggen Band fis-7.00p.m.

Barra l-Kunċert il-Kbir, mit-8.00 p.m. jibdew wirjiet oħra ta' spettaklu: *Spirit Voices* se jkunu fit-Terrazza qrib Triq il-Maċina; il-*Greenfields*, Hertian Gauci u Ryan Paul Abela se jkunu fejn is-*slipway* qrib Triq San Lawrenz; Xarulu, Je Je u Sammy Murgo se jkunu x-Xatt fejn kien il-*Waterfront Restaurant*; u s-*Southern Dancers,* l-*Exotic Dancers,* is-*Senglea Dancing Group,* l-*Aurora Folk Group* u l-*Imnarja Folk Group* se jkun f'The Siren qrib Dar Sant' Anna.

Il-Maritime Senglea International Festival 2014, qed jiġi organizzat taħt il-patroċinju tal-*European Destinations of Excellence and Aquatic Tourism Eden 2010.* Il-festival ingħata wkoll l-għajnuna mill-Programm tal-Kummissjoni Ewropea 'Ewropa għaċ-Ċittadini', il-MEUSAC, is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, u mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

## Relazzjonijiet Internazzjonali

## Konkluzzjoni

Is-sena 2014 kienet waħda impenjattiva, akatar u aktar fejn l-ammistrazzjoni tal-Kunsill hadmet b'nuqqas ta' staff part-time pero' tat sodisfazzjon tax-xogħol li twettaq. Minkejja l-problemi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrattivi, il-Kunsill iħoss li mexxa bl-aħjar mod biex wettaq il-ħidma tiegħu mill-aktar mod effettiv u effiċjenti. Issa jmiss li nħarsu l-quddiem għas-snin li ġejjin ħalli nkomplu ntejbu fuq dak li bdejna.
ghna dejjem miftuh ghalikom.

Grazzi mill-qalb li dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita'.

Justin John Camilleri
Sindku

Arthur Perici
Segretarju Eżekuttiv